DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL (PESK) 2020/1700

tat-12 ta' Novembru 2020

li temenda d-Deċiżjoni (PESK) 2017/2074 dwar miżuri restrittivi fid-dawl tas-sitwazzjoni fil-Venezwela

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 29 tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mir-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà,

Billi:

(1) Fit-13 ta' Novembru 2017, il-Kunsill adotta d-Deċiżjoni (PESK) 2017/2074 ([1]) dwar miżuri restrittivi fid-dawl tas-sitwazzjoni fil-Venezwela.

(2) Fil-11 ta' Novembru 2019, il-Kunsill, wara li qies il-kriżi politika, ekonomika, soċjali u umanitarja li għaddejja bħalissa fil-Venezwela u l-azzjonijiet persistenti li jdgħajfu d-demokrazija, l-istat tad-dritt u r-rispett għad-drittijiet tal-bniedem, adotta d-Deċiżjoni (PESK) 2019/1893 ([2]) li ġeddet il-miżuri restrittivi fis-seħħ sal-14 ta' Novembru 2020, inklużi d-dežinjazzjonijiet kollha.

(3) Fil-21 ta' Diċembru 2019, ir-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà (ir-"Rappreżentant Għoli") ħareġ dikjarazzjoni f'isem l-Unjoni li semmiet li d-deċiżjoni tal-Qorti Suprema tal-Venezwela u tal-Assemblea Kostitwenti mhux rikonoxxuta li titneħħa l-immunità parlamentari mogħtija kostituzzjonalment lil erba' membri tal-Assemblea Nazzjonali kienet ksur serju tad-dispożizzjonijiet kostituzzjonali, tal-istat tad-dritt u tal-prinċipju demokratiku tas-separazzjoni tas-setgħat. Dik id-dikjarazzjoni għamlitha ċara li l-Unjoni ser tkompli ssegwi s-sitwazzjoni u indikat li l-Unjoni tinsab lesta li tuża l-istrumenti disponibbli tagħha biex tippromwovi d-demokrazija, l-istat tad-dritt u d-drittijiet tal-bniedem, inklużi miżuri mmirati li ma jagħmlux ħsara lill-poplu Venezwelan.

(4) Fid-9 ta' Jannar 2020, ir-Rappreżentant Għoli ħareġ dikjarazzjoni f'isem l-Unjoni li qalet li l-atti reċenti kontra l-uniku korp elett demokratikament fil-Venezwela, l-Assemblea Nazzjonali, u ħafna mill-Membri tagħha, inkluż il-President tal-Assemblea Nazzjonali, komplew jintensifikaw il-kriżi tal-Venezwela u li t-tentattivi biex jiġi mblukkat bil-forza proċess elettorali leġittimu għall-Bord tad-Diretturi tal-Assemblea Nazzjonali fil-5 ta' Jannar 2020 u l-użu tal-forza kontra l-President tagħha u diversi leġiżlaturi biex jiġi impedut l-aċċess tagħhom għall-Assemblea Nazzjonali kienu kompletament inaċċettabbli. Dik id-dikjarazzjoni indikat ukoll li s-sessjoni ta' votazzjoni li wasslet għall-ħekk imsejħa elezzjoni ta' Luis Parra ma kinitx leġittima għaliex ma rrispettatx il-proċeduri legali, u lanqas il-prinċipji kostituzzjonali demokratiċi, u li l-Membri tal-Assemblea Nazzjonali jridu jkunu jistgħu jeżerċitaw il-mandat parlamentari tagħhom kif ingħatalhom mill-poplu Venezwelan mingħajr ebda intimidazzjoni jew tpattija. Barra minn hekk, fid-dawl ta' dawn l-atti u deċiżjonijiet serji li jdgħajfu d-demokrazija, l-istat tad-dritt u d-drittijiet tal-bniedem, dik id-dikjarazzjoni ssottolinjat l-impenn tal-Unjoni li tibda l-ħidma biex tapplika miżuri mmirati kontra individwi involuti fil-ksur ta' dawk il-prinċipji u drittijiet.

(5) Fl-4 ta' Ġunju 2020, ir-Rappreżentant Għoli ħareġ dikjarazzjoni f'isem l-Unjoni dwar l-aħħar żviluppi fil-Venezwela, inkluża d-deċiżjoni tal-Qorti Suprema tal-Venezwela tas-26 ta' Mejju 2020 li rratifikat lil Luis Parra bħala President tal-Assemblea Nazzjonali. Dik id-dikjarazzjoni ssottolinjat li l-Unjoni tqis li s-sessjoni tal-votazzjoni li wasslet għall-ħekk imsejħa elezzjoni ta' Luis Parra ma kinitx leġittima, għaliex la rrispettat il-proċeduri legali u lanqas il-prinċipji kostituzzjonali demokratiċi. Hija qalet ukoll li l-aħħar żviluppi komplew aggravaw il-kriżi istituzzjonali u politika li ilha sejra fil-Venezwela u naqqsu l-ispazju demokratiku u kostituzzjonali fil-pajjiż. Dik id-dikjarazzjoni tenniet il-pożizzjoni tal-Unjoni li soluzzjoni sostenibbli għall-kriżi tal-Venezwela tista' tinkiseb biss permezz ta' proċess politiku ġenwin u inklużiv, u ssottolinjat li l-Unjoni tirrifjuta kull tip ta' vjolenza, inkluża kwalunkwe inkursjoni militari jew vjolenti fil-pajjiż. F'dan il-kuntest, l-Unjoni nnotat li l-ftehim reċenti bejn atturi nazzjonali dwar l-assistenza umanitarja huwa pass pożittiv u enfasizzat il-ħtieġa li n-naħat kollha jaħdmu flimkien u b'mod kostruttiv biex tittaffa t-tbatija drammatika tal-poplu Venezwelan li qed tiġi aggravata mill-pandemija tal-COVID-19.

([1]) Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2017/2074 tat-13 ta' Novembru 2017 dwar miżuri restrittivi fid-dawl tas-sitwazzjoni fil-Venezwela (ĠU L 295, 14.11.2017, p. 60).

([2]) Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2019/1893 tal-11 ta' Novembru 2019 li temenda d-Deċiżjoni (PESK) 2017/2074 dwar miżuri restrittivi fid-dawl tas-sitwazzjoni fil-Venezwela (ĠU L 291, 12.11.2019, p. 42).

(6) Fis-16 ta' Ġunju 2020, ir-Rappreżentant Għoli ħareġ dikjarazzjoni f'isem l-Unjoni li ssottolinjat li elezzjonijiet leġiżlattivi u presidenzjali ħielsa u ġusti li jirrispettaw l-istandards internazzjonali huma kruċjali biex tingħeleb il-kriżi fil-Venezwela u li Kunsill Elettorali (CNE) indipendenti u bbilanċjat kif ukoll kundizzjonijiet ekwi li jippermettu l-parteċipazzjoni ta' partiti u kandidati politiċi huma s-sisien għal proċess elettorali kredibbli. Barra minn hekk, l-UE appellat lill-Gvern u lill-oppożizzjoni biex jidħlu f'negozjati sinifikattivi u inklużivi dwar il-kostituzzjoni tas-CNE u t-tneħħija tal-projbizzjonijiet fuq il-partiti tal-oppożizzjoni.

(7) Fid-29 ta' Ġunju 2020, fid-dawl tas-sitwazzjoni gravi kontinwa fil-Venezwela, il-Kunsill adotta d-Deċiżjoni (PESK) 2020/898 ([3]) li assoġġettat ħdax-il persuna għal miżuri restrittivi.

(8) F'dan il-kuntest, f'konformità mal-Artikolu 13 tad-Deċiżjoni (PESK) 2017/2074, il-Kunsill irrieżamina l-miżuri restrittivi fis-seħħ u kkonkluda li l-miżuri restrittivi, inklużi d-dežinjazzjonijiet kollha, jenħtieġ li jiġġeddu sal-14 ta' Novembru 2021. Dawn il-miżuri ma jaffettwawx il-popolazzjoni ġenerali u jistgħu jitreġġgħu lura fid-dawl tal-progress li jkun sar lejn ir-restawr tad-demokrazija, l-istat tad-dritt u r-rispett għad-drittijiet tal-bniedem fil-Venezwela.

(9) Id-dežinjazzjonijiet individwali li jinsabu fl-Anness I għad-Deċiżjoni (PESK) 2017/2074 ġew rieżaminati u d-dikjarazzjoni tar-raġunijiet fir-rigward ta' erbatax-il persuna jenħtieġ li tiġi aġġornata u jenħtieġ li jiġu kapitalizzati l-kunjomijiet tal-persuni elenkati kollha.

(10) Għaldaqstant jenħtieġ li d-Deċiżjoni (PESK) 2017/2074 tiġi emendata skont dan,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Id-Deċiżjoni (PESK) 2017/2074 hija emendata kif ġej:

(1) l-ewwel paragrafu tal-Artikolu 13 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"Din id-Deċiżjoni għandha tapplika sal-14 ta' Novembru 2021.";

(2) l-Anness I huwa emendat skont l-Anness għal din id-Deċiżjoni.

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fid-data tal-pubblikazzjoni tagħha f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Magħmul fi Brussell, it-12 ta' Novembru 2020.

Għall-Kunsill
Il-President
M. ROTH

([3]) Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2020/898 tad-29 ta' Ġunju 2020 li temenda d-Deċiżjoni (PESK) 2017/2074 dwar miżuri restrittivi fid-dawl tas-sitwazzjoni fil-Venezwela (ĠU L 205I, 29.6.2020, p. 6).

ANNESS

L-Anness I għad-Deċiżjoni (PESK) 2017/2074 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"ANNESS I

Lista ta' persuni fiżiċi u ġuridiċi, entitajiet u korpi msemmija fl-Artikoli 6(1) u 7(1)

	Isem	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-elenkar
1.	Néstor Luis REVEROL TORRES	Data tat-twelid: 28 ta' Ottubru 1964 Sess: raġel	Ministru għall-Intern, Ġustizzja u Paċi mill-2016. Maħtur ukoll bħala Viċi-President tax-Xogħlijiet u s-Servizzi Pubbliċi u Segretarju Eżekuttiv tal-Persunal Ġenerali għall-Elettriku f'April 2019. Eks Kmandant Ġeneral tal-Gwardja Nazzjonali Bolivarjana, ġie promoss għal Ġeneral fil-Kap tal-Gwardja Nazzjonali Bolivarjana f'Awwissu 2020. Responsabbli għal ksur serju tad-drittijiet tal-bniedem, inkluża t-tortura ta' priġunieri (politiċi), u għar-repressjoni tal-oppożizzjoni demokratika fil-Venezwela, inklużi l-projbizzjoni u r-repressjoni ta' dimostrazzjonijiet politiċi, imwettqa mill-forzi tas-sigurtà taħt il-kmand tiegħu.	22.1.2018
2.	Gustavo Enrique GONZÁLEZ LÓPEZ	Data tat-twelid: 2 ta' Novembru 1960 Sess: raġel	Maħtur mill-ġdid Kap tas-Servizz Nazzjonali tal-Intelligence Bolivarjan (SEBIN) fit-30 ta' April 2019. Eks Konsulent dwar is-Sigurtà u l-Intelligence għall-Uffiċċju tal-President mit-8 ta' Jannar 2019 sat-30 ta' April 2019 u Kap tas-SEBIN sa Ottubru 2018. Bħala Kap tas-SEBIN, kien responsabbli għal ksur serju tad-drittijiet tal-bniedem (inklużi detenzjoni arbitrarja, trattament inuman u degradanti, u tortura) u r-repressjoni tas-soċjetà ċivili u l-oppożizzjoni demokratika fil-Venezwela.	22.1.2018
3.	Tibisay LUCENA RAMÍREZ	Data tat-twelid: 26 ta' April 1959 Sess: mara	President tal-Kunsill Elettorali Nazzjonali (*Consejo Nacional Electoral* jew CNE) minn April 2006 sa Ġunju 2020. L-azzjonijiet u l-politiki tagħha dgħajfu d-demokrazija u l-istat tad-dritt fil-Venezwela, inkluż billi naqsu milli jiżguraw li s-CNE jibqa' istituzzjoni imparzjali u indipendenti skont il-Kostituzzjoni Venezwelana u b'hekk iffaċilitat l-istabbiliment tal-Assemblea Kostitwenti u l-elezzjoni mill-ġdid ta' Nicolás Maduro f'Mejju 2018 permezz ta' elezzjonijiet presidenzjali li la kienu ħielsa u lanqas ġusti.	22.1.2018
4.	Antonio José BENAVIDES TORRES	Data tat-twelid: 13 ta' Ġunju 1961 Sess: raġel	Kap tal-Gvern tad-Distrett Kapitali (*Distrito Capital*) sa Jannar 2018. Kmandant Ġeneral tal-Gwardja Nazzjonali Bolivarjana sal-21 ta' Ġunju 2017. Involut fir-repressjoni tas-soċjetà ċivili u l-oppożizzjoni demokratika fil-Venezwela, u responsabbli għal ksur serju tad-drittijiet tal-bniedem imwettaq mill-Gwardja Nazzjonali Bolivarjana taħt il-kmand tiegħu. L-azzjonijiet u l-politiki tiegħu bħala Kmandant Ġeneral tal-Gwardja Nazzjonali Bolivarjana, inkluż li l-Gwardja Nazzjonali Bolivarjana tmexxi fis-sorveljanza ta' dimostrazzjonijiet ċivili u l-promozzjoni pubblika biex il-qrati militari jkollhom ġuriżdizzjoni fuq il-persuni ċivili, dgħajfu l-istat tad-dritt fil-Venezwela.	22.1.2018
5.	Maikel José MORENO PÉREZ	Data tat-twelid: 12 ta' Diċembru 1965 Sess: raġel	President, u eks Viċi President, tal-Qorti Suprema tal-Ġustizzja tal-Venezwela (*Tribunal Supremo de Justicia*). F'dawn ir-rwoli, huwa appoġġa u ffaċilita l-azzjonijiet u l-politiki tal-Gvern li dgħajfu d-demokrazija u l-istat tad-dritt fil-Venezwela, u huwa responsabbli għal azzjonijiet u dikjarazzjonijiet li użurpaw l-awtorità tal-Assemblea Nazzjonali, inklużi l-ħatra tal-Kunsill Elettorali Nazzjonali (CNE) f'Ġunju 2020 u s-sospensjoni u s-sostituzzjoni tal-bordijiet tat-tmexxija ta' tliet partiti tal-oppożizzjoni f'Ġunju u Lulju 2020.	22.1.2018

	Isem	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-elenkar
6.	Tarek William SAAB HALABI	Data tat-twelid: 10 ta' Settembru 1963 Post tat-twelid: El Tigre, Stat ta' Anzoátegui, Venezwela Sess: raġel	Avukat Ġenerali tal-Venezwela maħtur mill-Assemblea Kostitwenti. F'dan ir-rwol, u fir-rwoli preċedenti bħala Ombudsman u President tal-Kunsill Morali Repubblikan, huwa dgħajjef id-demokrazija u l-istat tad-dritt fil-Venezwela billi pubblikament appoġġa azzjonijiet kontra avversarji tal-gvern tal-Venezwela u l-irtirar ta' kompetenzi mill-Assemblea Nazzjonali.	22.1.2018
7.	Diosdado CABELLO RONDÓN	Data tat-twelid: 15 ta' April 1963 Sess: raġel	President tal-Assemblea Kostitwenti u l-Ewwel Viċi President tal-Partit Soċjalista Magħqud tal-Venezwela (PSUV). Involut f'azzjonijiet li jdgħajfu d-demokrazija u l-istat tad-dritt fil-Venezwela, inkluż bl-użu tal-media biex jiġu attakkati u mhedda pubblikament l-oppożizzjoni politika, media oħra u s-soċjetà ċivili.	22.1.2018
8.	Tareck Zaidan EL-AISSAMI MADDAH	Data tat-twelid: 12 ta Novembru 1974 Sess: raġel	Viċi President tal-Ekonomija u Ministru għall-Enerġija Popolari taż-Żejt kif ukoll l-Industrija u l-Produzzjoni Nazzjonali. Bħala l-eks Viċi President tal-Venezwela b'sorveljanza tad-direzzjoni tas-Servizz Nazzjonali tal-Intelligence Bolivarjan (SEBIN), El-Aissami huwa responsabbli għal ksur serju tad-drittijiet tal-bniedem imwettqa mill-organizzazzjoni, inklużi detenzjonijiet arbitrarji, investigazzjonijiet motivati politikament, trattament inuman u degradanti, u tortura. Huwa wkoll responsabbli għall-appoġġ u l-implimentazzjoni ta' politiki u attivitajiet li jdgħajfu d-demokrazija u l-istat tad-dritt, inkluża l-projbizzjoni ta' dimostrazzjonijiet pubbliċi, u t-tmexxija tal-"kmand anti-coup" tal-President Maduro li kellu fil-mira s-soċjetà ċivili u l-oppożizzjoni demokratika.	25.6.2018
9.	Sergio José RIVERO MARCANO	Data tat-twelid: 8 ta' Novembru 1964 Sess: raġel	Spettur Ġeneral tal-Forzi Armati Nazzjonali Bolivarjani (FANB), Kmandant Ġeneral tal-Gwardja Nazzjonali Bolivarjana sas-16 ta' Jannar 2018. Involut fir-repressjoni tas-soċjetà ċivili u l-oppożizzjoni demokratika fil-Venezwela, u responsabbli għal ksur serju tad-drittijiet tal-bniedem imwettqa mill-Gwardja Nazzjonali Bolivarjana taħt il-kmand tiegħu, inkluż l-użu ta' forza eċċessiva, u d-detenzjoni arbitrarja u l-abbuż ta' membri tas-soċjetà ċivili u tal-oppożizzjoni. L-azzjonijiet u l-politiki tiegħu bħala Kmandant Ġeneral tal-Gwardja Nazzjonali Bolivarjana, inkluż l-assalt mill-Gwardja Nazzjonali Bolivarjana ta' membri tal-Assemblea Nazzjonali eletta demokratikament u l-intimidazzjoni tal-ġurnalisti li jirrappurtaw dwar l-elezzjonijiet frodulenti għall-Assemblea Kostitwenti li hija illeġittima, dgħajfu d-demokrazija u l-istat tad-dritt fil-Venezwela.	25.6.2018
10.	Jesús Rafael SUÁREZ CHOURIO	Data tat-twelid: 19 ta' Lulju 1962 Sess: raġel	Kap Kmandant tal-Armata Nazzjonali Bolivarjana tal-Venezwela. Eks Kap tal-Persunal Ġenerali tal-Kap Kmandant, eks Kap Kmandant tal-Armata Nazzjonali Bolivarjana Venezwelana u eks Kmandant tar-Reġjun ta' Difiża Komprensiv tal-Venezwela taż-Żona Ċentrali (REDI Central). Responsabbli għal ksur serju tad-drittijiet tal-bniedem minn forzi taħt il-kmand tiegħu matul il-mandat tiegħu bħala Kmandant Ġeneral tal-Armata Nazzjonali Bolivarjana Venezwelana, inklużi l-użu ta' forza eċċessiva u l-maltrattament tad-detenuti. Kellu fil-mira tiegħu l-oppożizzjoni demokratika u appoġġa l-użu ta' qrati militari għall-proċessi ta' dimostranti ċivili.	25.6.2018

	Isem	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-elenkar
11.	Iván HERNÁNDEZ DALA	Data tat-twelid: 18 ta' Mejju 1966 Sess: raġel	Kap tad-Direttorat Ġenerali ta' Kontrospjunaġġ Militari (DGCIM) minn Jannar 2014 u Kap tal-Gwardja Presidenzjali minn Settembru 2015. Bħala l-Kap tad-DGCIM, Iván Hernández Dala huwa responsabbli għal ksur serju tad-drittijiet tal-bniedem u r-repressjoni tas-soċjetà ċivili u l-oppożizzjoni demokratika mwettqa minn membri tad-DGCIM taħt il-kmand tiegħu, inklużi l-użu ta' forza eċċessiva u l-maltrattament tad-detenuti.	25.6.2018
12.	Delcy Eloina RODRÍGUEZ GÓMEZ	Data tat-twelid: 18 ta' Mejju 1969 Sess: mara	Viċi President tal-Venezwela, eks President tal-Assemblea Kostitwenti illeġittima u eks membru tal-Kummissjoni Presidenzjali għall-Assemblea Kostitwenti Nazzjonali illeġittima. L-azzjonijiet tagħha fil-Kummissjoni Presidenzjali u mbagħad bħala President tal-Assemblea Kostitwenti illeġittima dgħajfu d-demokrazija u l-istat tad-dritt fil-Venezwela, inklużi l-użurpazzjoni tas-setgħat tal-Assemblea Nazzjonali u l-użu tagħhom direttament kontra l-oppożizzjoni u biex dawn ma jitħallewx jieħdu sehem fil-proċess politiku.	25.6.2018
13.	Elías José JAUA MILANO	Data tat-twelid: 16 ta' Diċembru 1969 Sess: raġel	Eks Ministru għas-Setgħa Popolari għall-Edukazzjoni. Eks President tal-Kummissjoni Presidenzjali għall-Assemblea Kostitwenti Nazzjonali illeġittima. Responsabbli li dgħajjef id-demokrazija u l-istat tad-dritt fil-Venezwela permezz tar-rwol tiegħu ta' tmexxija fl-istabbiliment tal-Assemblea Kostitwenti illeġittima.	25.6.2018
14.	Sandra OBLITAS RUZZA	Data tat-twelid: 7 ta' Ġunju 1969 Sess: mara	Rettur tal-*Universidad Bolivariana de Venezuela*. Eks Viċi President tal-Kunsill Elettorali Nazzjonali (CNE) u eks President tal-Kummissjoni tar-Reġistru Elettorali u Ċivili. Responsabbli għall-attivitajiet tas-CNE li dgħajfu d-demokrazija fil-Venezwela, inklużi l-faċilitazzjoni tal-istabbiliment tal-Assemblea Kostitwenti illeġittima u l-manipulazzjoni tal-proċess elettorali.	25.6.2018
15.	Freddy Alirio BERNAL ROSALES	Data tat-twelid: 16 ta' Ġunju 1962 Post tat-twelid: San Cristóbal, stat ta' Táchira, Venezwela Sess: raġel	Kap taċ-Ċentru ta' Kontroll Nazzjonali tal-Kumitat għall-Provvista u l-Produzzjoni Lokali (CLAP) u Protettur tal-Istat ta' Táchira. Huwa ukoll Kummissarju Ġenerali tas-Servizz Nazzjonali tal-Intelligence Bolivarjan (SEBIN). Bħala Kap tal-CLAP u Protettur tal-Istat ta' Táchira jista' jamar lill-Forzi Speċjali (FAES) u jista' jinfluwenza l-ħatra ta' mħallfin u prosekuturi. Responsabbli li dgħajjef id-demokrazija permezz tal-manipulazzjoni tad-distribuzzjonijiet tal-programm CLAP fost il-votanti. Barra minn hekk, bħala Kummissarju Ġenerali ta' SEBIN huwa responsabbli għall-attivitajiet ta' SEBIN li jinkludu ksur serju tad-drittijiet tal-bniedem bħad-detenzjoni arbitrarja.	25.6.2018
16.	Katherine Nayarith HARRINGTON PADRÓN	Data tat-twelid: 5 ta' Diċembru 1971 Sess: mara	Viċi Prosekutur Ġenerali (titolu tradott wkoll bħala Viċi Avukat Ġenerali) minn Lulju 2017 sa Ottubru 2018. Maħtura Viċi Prosekutur Ġenerali mill-Qorti Suprema minflok mill-Assemblea Nazzjonali, bi ksur tal-Kostituzzjoni. Responsabbli li dgħajfet id-demokrazija u l-istat tad-dritt fil-Venezwela, inkluż billi tat bidu għal prosekuzzjonijiet politikament motivati u naqset milli tinvestiga allegazzjonijiet ta' ksur ta' drittijiet tal-bniedem mir-reġim ta' Maduro.	25.6.2018

	Isem	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-elenkar
17.	Socorro Elizabeth HERNÁNDEZ HERNÁNDEZ	Data tat-twelid: 11 ta' Marzu 1952 Sess: mara	Membru (Rettur) tal-Kunsill Elettorali Nazzjonali (CNE) sat-12 ta' Ġunju 2020 u membru tal-Bord Elettorali Nazzjonali (JNE). Responsabbli għall-attivitajiet tas-CNE li dgħajfu d-demokrazija fil-Venezwela, inklużi l-faċilitazzjoni tal-istabbiliment tal-Assemblea Kostitwenti illeġittima u l-manipulazzjoni tal-proċess elettorali b'rabta mal-elezzjoni revokatorja presidenzjali li ġiet ikkanċellata fl-2016, il-posponiment tal-elezzjonijiet tal-gvernaturi fl-2016, u r-rilokazzjoni ta' postijiet tal-votazzjoni fi żmien qasir qabel l-elezzjonijiet tal-gvernaturi fl-2017.	25.6.2018
18.	Xavier Antonio MORENO REYES	Sess: raġel	Segretarju Ġenerali tal-Kunsill Elettorali Nazzjonali (CNE) mill-2009 sa Ġunju 2020. F'dan ir-rwol responsabbli li approva d-deċiżjonijiet tas-CNE li dgħajfu d-demokrazija fil-Venezwela, inklużi l-faċilitazzjoni tal-istabbiliment tal-Assemblea Kostitwenti illeġittima u l-manipulazzjoni tal-proċess elettorali.	25.6.2018
19.	Néstor Neptali BLANCO HURTADO	Data tat-twelid: 26 ta' Settembru 1982 Numru tal-identità: V-15222057 Sess: raġel	Maġġur fil-Gwardja Nazzjonali Bolivarjana (GNB), opera flimkien ma' uffiċjali fid-Direttorat Ġenerali tal-Counter-Intelligence Militari (*Dirección General de Contrainteligencia Militar* (DGCIM)) tal-inqas minn Diċembru 2017. Responsabbli għal ksur serju tad-drittijiet tal-bniedem, inklużi tortura, użu ta' forza eċċessiva u maltrattament tad-detenuti fil-faċilitajiet tad-DGCIM.	27.9.2019
20.	Rafael Ramón BLANCO MARRERO	Data tat-twelid: 28 ta' Frar 1968 Numru tal-identità: V-6250588 Sess: raġel	Viċi Direttur tad-Direttorat Ġenerali tal-Kontrospjunaġġ Militari (*Dirección General de Contrainteligencia Militar* (DGCIM)) tal-inqas minn Diċembru 2018 'l hawn u Ġeneral ta' Diviżjoni tal-Armata Nazzjonali Venezwelana Bolivarjana mill-5 ta' Lulju 2019 'l hawn. Responsabbli għal ksur serju tad-drittijiet tal-bniedem, inklużi tortura, użu ta' forza eċċessiva u maltrattament ta' detenuti fil-faċilitajiet tad-DGCIM li twettqu minn uffiċjali tad-DGCIM taħt il-kmand tiegħu. Marbut mal-mewt tal-Kaptan Acosta.	27.9.2019
21.	Carlos Alberto CALDERÓN CHIRINOS	Numru tal-identità: V-10352300 Sess: raġel	Uffiċjal għoli (imsejjaħ Kummissarju, Direttur u Direttur Ġenerali) fis-Servizz tal-Intelligence Nazzjonali Bolivarjan (SEBIN). Responsabbli għal ksur serju tad-drittijiet tal-bniedem, inklużi tortura, użu ta' forza eċċessiva u maltrattament tad-detenuti fil-faċilitajiet tas-SEBIN. B'mod partikolari, huwa pparteċipa u kien responsabbli għal atti ta' tortura u għat-trattament krudili, inuman u degradanti tad-detenuti f'El Helicoide, ħabs tas-SEBIN.	27.9.2019
22.	Alexis Enrique ESCALONA MARRERO	Data tat-twelid: 12 ta' Ottubru 1962 Sess: raġel	Kap responsabbli għall-Uffiċċju Nazzjonali Kontra l-Kriminalità Organizzata u l-Finanzjament ta' Terroristi (ONDOFT) minn Jannar 2018 sa Mejju 2019. Kmandant Nazzjonali tal-Kmand Nazzjonali ta' Kontra l-Estorsjoni u s-Sekwestru (*Comando Nacional Antiextorsión y Secuestro* (CONAS) bejn l-2014 u l-2017. Responsabbli għal ksur serju tad-drittijiet tal-bniedem, inklużi tortura, użu ta' forza eċċessiva u maltrattament ta' detenuti minn membri tal-CONAS taħt il-kmand tiegħu. Responsabbli wkoll għar-repressjoni tas-soċjetà ċivili minn membri tal-CONAS taħt il-kmand tiegħu.	27.9.2019

	Isem	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-elenkar
23.	Rafael Antonio FRANCO QUINTERO	Data tat-twelid: 14 ta' Ottubru 1973 Numru tal-identità: V-11311672 Sess: raġel	Uffiċjal fis-Servizz tal-Intelligence Nazzjonali Bolivarjan (SEBIN). Kap tas-Sigurtà fl-Ajruport Internazzjonali ta' Maiquetía. Kap tal-Investigazzjonijiet tad-Direttorat Ġenerali tal-Kontrospjunaġġ Militari (*Dirección General de Contrainteligencia Militar* (DGCIM)) tal-inqas bejn l-2017 u Diċembru 2018. Responsabbli għal ksur serju tad-drittijiet tal-bniedem, inklużi tortura, użu ta' forza eċċessiva u maltrattament ta' detenuti fil-faċilitajiet tad-DGCIM minn membri tad-DGCIM taħt il-kmand tiegħu. Responsabbli wkoll għar-repressjoni tas-soċjetà ċivili u l-oppożizzjoni demokratika minn membri tad-DGCIM taħt il-kmand tiegħu. Rappurtat li għandu konnessjoni mal-mewt tal-Kaptan Acosta.	27.9.2019
24.	Alexander Enrique GRANKO ARTEAGA	Data tat-twelid: 25 ta' Marzu 1981 Numru tal-identità: V-14970215 Sess: raġel	Kap (Direttur) tad-Diviżjoni tal-Affarijiet Speċjali (DAE) tad-Direttorat Ġenerali tal-Kontrospjunaġġ Militari (*Dirección General de Contrainteligencia Militar* (DGCIM)). Promoss għall-grad ta' logutenent kurunell tal-Gwardja Nazzjonali Bolivarjana fl-1 ta' Lulju 2020. Responsabbli għal ksur serju tad-drittijiet tal-bniedem, inklużi tortura, użu ta' forza eċċessiva li kkaġuna mewt u dannu, u maltrattament ta' detenuti fil-faċilitajiet tad-DGCIM li twettqu minnu stess u minn uffiċjali taħt il-kmand tiegħu. Responsabbli wkoll għar-repressjoni tas-soċjetà ċivili minn membri tad-DGCIM taħt il-kmand tiegħu, u kien ukoll involut direttament f'din ir-repressjoni. Rappurtat li għandu konnessjoni mal-mewt tal-Kaptan Acosta.	27.9.2019
25.	Hannover Esteban GUERRERO MIJARES	Data tat-twelid: 14 ta' Jannar 1971 Sess: raġel	Kap tal-Investigazzjonijiet tad-Direttorat Ġenerali tal-Kontrospjunaġġ Militari (*Dirección General de Contrainteligencia Militar* (DGCIM)) tal-inqas bejn April 2019 u Awwissu 2019. Bħala Kap tal-Investigazzjonijiet huwa ssorvelja l-faċilità tad-DGCIM f'Boleita. Responsabbli għal ksur serju tad-drittijiet tal-bniedem, inklużi tortura, użu ta' forza eċċessiva u maltrattament ta' detenuti mwettqa minnu u minn membri taħt il-kmand tiegħu, b'mod partikolari f'Boleita. Rappurtat li għandu konnessjoni mal-mewt tal-Kaptan Acosta.	27.9.2019
26.	José Adelino ORNELAS FERREIRA Psewdonimu: José Adelino Ornella FERREIRA/José Adelino ORNELLAS FERREIRA	Data tat-twelid: 14 ta' Diċembru 1964 Post tat-twelid: Caracas, Distrito Capital, il-Venezwela Numru tal-identità: V-7087964 Sess: raġel	Segretarju Ġenerali tal-Kunsill Nazzjonali tad-Difiża mis-26 ta' Lulju 2019 u Kap tal-Persunal Ġenerali għall-Kap Kmandant minn Settembru 2020. Eks kmandant tar-Reġjun Strateġiku tad-Difiża Integrali Nazzjonali (REDI Capital), eks Kap tal-Persunal u eks Viċi Kmandant tal-Kmand Operattiv u Strateġiku tal-Forzi Armati Nazzjonali Bolivarjani tal-Venezwela (CEOFANB). F'dawn ir-rwoli huwa appoġġa u ffaċilita azzjonijiet u politiki tal-Gvern tal-Venezwela li dgħajfu d-demokrazija u l-istat tad-dritt fil-Venezwela. Responsabbli għal ksur serju tad-drittijiet tal-bniedem u r-repressjoni tas-soċjetà ċivili u l-oppożizzjoni demokratika fil-Venezwela, inkluż billi ostakola l-għoti ta' għajnuna umanitarja u bl-użu ta' forza eċċessiva minn uffiċjali tal-Forzi Armati Bolivarjani (FANB), u minn forzi subordinati taħt il-kmand tiegħu inkluż r-Reġjun Strateġiku tad-Difiża Integrali (REDI), iż-Żona ta' Operazzjonijiet tad-Difiża Integrali (ZODI) u l-Gwardja Nazzjonali Bolivarjana.	29.6.2020
27.	Gladys del Valle REQUENA	Data tat-twelid: 9 ta' Novembru 1952 Post tat-twelid: Puerto Santo, Sucre, il-Venezwela Numru tal-identità: V-4114842 Sess: mara	Membru u, mis-26 ta' Ottubru 2018, it-Tieni Viċi President tal-Assemblea Kostitwenti Nazzjonali (ANC) mhux rikonoxxuta. Fir-rwol tagħha ta' mexxejja fl-ANC mhux rikonoxxuta, hija dgħajfet id-demokrazija u l-istat tad-dritt fil-Venezwela, inkluż permezz tal-iffirmar ta' digriet li neħħa l-immunità parlamentari tal-president tal-Assemblea Nazzjonali tal-Venezwela, Juan Guaidó.	29.6.2020

	Isem	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-elenkar
28.	Tania Valentina DÍAZ GONZÁLEZ	Data tat-twelid: 18 ta' Ġunju 1963 Post tat-twelid: Caracas, Distrito Capital, il-Venezwela Numru tal-identità: V-6432672 Sess: mara	Membru u, mill-4 ta' Jannar 2018, l-Ewwel Viċi President tal-Assemblea Kostitwenti Nazzjonali (ANC) mhux rikonoxxuta. Fir-rwol tagħha ta' mexxejja fl-ANC mhux rikonoxxuta hi dgħajfet id-demokrazija u l-istat tad-dritt fil-Venezwela, inkluż billi ffirmat id-digriet li neħħa l-immunità parlamentari tal-president tal-Assemblea Nazzjonali tal-Venezwela, Juan Guaidó.	29.6.2020
29.	Elvis Eduardo HIDROBO AMOROSO	Data tat-twelid: 4 ta' Awwissu 1963 Post tat-twelid: Caracas, Distrito Capital, il-Venezwela Numru tal-identità: V-7659695 Sess: raġel	Kontrollur Ġenerali, mit-23 ta' Ottubru 2018, u eks l-Ewwel u t-Tieni Viċi President tal-Assemblea Kostitwenti Nazzjonali (ANC) mhux rikonoxxuta. L-azzjonijiet tiegħu dgħajfu d-demokrazija u l-istat tad-dritt fil-Venezwela, inkluż bit-tmexxija tal-ANC mhux rikonoxxuta, l-iffirmar tal-"liġi kontra l-mibegħda", li tiġġustifika t-tneħħija ta' gvernatur tal-oppożizzjoni elett legalment u l-projbizzjoni ta' Juan Guaidó minn kwalunkwe kariga pubblika.	29.6.2020
30.	Juan José MENDOZA JOVER	Data tat-twelid: 11 ta' Marzu 1969 Post tat-twelid: Trujillo, il-Venezwela Indirizz: Arnoldo Gabaldón, Candelaria, Edo. Trujillo Numru tal-identità: V-9499372 Sess: raġel	It-Tieni Viċi President tal-Qorti Suprema tal-Ġustizzja tal-Venezwela (*Tribunal Supremo de Justicia* (TSJ)) u President tal-Kamra Kostituzzjonali tat-TSJ mill-24 ta' Frar 2017. L-azzjonijiet tiegħu dgħajfu d-demokrazija u l-istat tad-dritt fil-Venezwela, inkluż permezz ta' għadd ta' deċiżjonijiet ġudizzjarji f'dawn l-aħħar sentejn li limitaw jew dgħajfu s-setgħat kostituzzjonali tal-korp leġiżlattiv elett demokratikament, l-Assemblea Nazzjonali.	29.6.2020
31.	Jorge Elieser MÁRQUEZ MONSALVE	Data tat-twelid: 20 ta' Frar 1971 Post tat-twelid: Caracas, Il-Venezwela Numru tal-identità: V-8714253 Sess: raġel	Direttur Ġenerali tal-Kummissjoni Nazzjonali tat-Telekomunikazzjoni (CONATEL) mis-7 ta' Awwissu 2017. L-azzjonijiet tiegħu dgħajfu d-demokrazija u l-istat tad-dritt fil-Venezwela, inkluż billi llimita serjament id-drittijiet tal-poplu Venezwelan għal-libertà tal-istampa, il-libertà tal-espressjoni u l-informazzjoni. Huwa uża s-setgħat speċjali tal-CONATEL biex isikket il-kritika u d-dissidenti lejn ir-reġim billi mblokka, iffiltra u ostakola s-siti web tal-Internet u billi rrevoka l-liċenzji eżistenti għall-istazzjonijiet tar-radju u tat-televiżjoni u rrifjut li jingħataw tali liċenzji ġodda.	29.6.2020

	Isem	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-elenkar
32.	Farik Karin MORA SALCEDO	Numru tal-identità: V-8608523 Sess: raġel	Prosekutur fl-Ewwel Qorti tal-Prim'Istanza Speċjali tal-Venezwela b'uffiċċju fid-Direttorat Ġenerali ta' Kontrospjunaġġ Militari (*Dirección General de Contrainteligencia Militar* (DGCIM)). L-azzjonijiet tiegħu dgħajfu d-demokrazija u l-istat tad-dritt fil-Venezwela, inkluż billi taw bidu għal prosekuzzjonijiet politikament motivati li rriżultaw fid-detenzjoni arbitrarja ta' membri tal-Assemblea Nazzjonali u uffiċjali oħra li jopponu r-reġim ta' Maduro.	29.6.2020
33.	Dinorah Yoselin BUSTAMANTE PUERTA	Data tat-twelid: 14 ta' Jannar 1975 Numru tal-identità: V-10002096 Sess: mara	Prosekutur fl-Ewwel Qorti tal-Prim'Istanza Speċjali tal-Venezwela, b'uffiċċju fid-Direttorat Ġenerali ta' Kontrospjunaġġ Militari (*Dirección General de Contrainteligencia Militar* (DGCIM)). L-azzjonijiet tagħha dgħajfu d-demokrazija u l-istat tad-dritt fil-Venezwela, inkluż billi taw bidu għal prosekuzzjonijiet politikament motivati li rriżultaw fid-detenzjoni arbitrarja ta' membri tal-Assemblea Nazzjonali u uffiċjali oħra li jopponu r-reġim ta' Maduro.	29.6.2020
34.	Luis Eduardo PARRA RIVERO	Data tat-twelid: 7 ta' Lulju 1978 Numru tal-identità: V-14211633 Sess: raġel	Membru u elett b'mod illeġittimu President tal-Assemblea Nazzjonali. Bħala membru tal-Assemblea Nazzjonali fil-5 ta' Jannar 2020 huwa organizza l-elezzjoni taparsi tiegħu bħala l-President tal-Assemblea Nazzjonali, u b'hekk dgħajjef id-demokrazija u l-istat tad-dritt fil-Venezwela. L-elezzjoni saret hekk kif l-aċċess ta' diversi membri parlamentari għall-bini tal-Assemblea Nazzjonali ġie mblukkat mill-pulizija militari, u mingħajr ma ntlaħaq il-kworum. Għalhekk il-membri tal-oppożizzjoni kellhom jorganizzaw ruħhom barra mill-bini tal-Assemblea Nazzjonali biex jeleġġu mill-ġdid lil Juan Guaidó bħala l-President tagħha. Ftit wara l-elezzjoni taparsi ta' Parra, bl-appoġġ tal-partit politiku tar-reġim (PSUV), Parra ntlaqa' minn Maduro u l-Assemblea Kostitwenti Nazzjonali mhux rikonoxxuta.	29.6.2020
35.	Franklyn Leonardo DUARTE	Data tat-twelid: 15 ta' Mejju 1977 Numru tal-identità: V-3304045 Sess: raġel	Membru u elett b'mod illeġittimu l-ewwel Viċi President tal-Assemblea Nazzjonali. Bħala membru tal-Assemblea Nazzjonali fil-5 ta' Jannar 2020 huwa organizza l-elezzjoni taparsi tiegħu bħala l-ewwel Viċi President tal-Assemblea Nazzjonali, u b'hekk dgħajjef id-demokrazija u l-istat tad-dritt fil-Venezwela. L-elezzjoni saret hekk kif l-aċċess ta' diversi membri parlamentari għall-bini tal-Assemblea Nazzjonali ġie mblukkat mill-pulizija militari, u mingħajr ma ntlaħaq il-kworum. Għalhekk il-membri tal-oppożizzjoni kellhom jorganizzaw ruħhom barra mill-bini tal-Assemblea Nazzjonali biex jeleġġu mill-ġdid lil Juan Guaidó bħala l-President tagħha. Ftit wara l-elezzjoni taparsi ta' Duarte, bl-appoġġ tal-partit politiku tar-reġim (PSUV), l-elezzjoni tal-Bord tad-Diretturi tal-Assemblea Nazzjonali ġiet milqugħa minn Maduro u l-Assemblea Kostitwenti Nazzjonali (ANC) mhux rikonoxxuta.	29.6.2020
36.	José Gregorio NORIEGA FIGUEROA	Data tat-twelid: 21 ta' Frar 1969 Numru tal-identità: V-8348784 Sess: raġel	Membru u elett b'mod illeġittimu t-tieni Viċi President tal-Assemblea Nazzjonali. Maħtur b'mod illeġittimu bħala direttur tal-bord ad hoc tal-partit politiku *Voluntad Popular*. Bħala membru tal-Assemblea Nazzjonali fil-5 ta' Jannar 2020 huwa organizza l-elezzjoni taparsi tiegħu bħala t-tieni Viċi President tal-Assemblea Nazzjonali, u b'hekk dgħajjef id-demokrazija u l-istat tad-dritt fil-Venezwela. L-elezzjoni saret hekk kif l-aċċess ta' diversi membri parlamentari għall-bini tal-Assemblea Nazzjonali ġie mblukkat mill-pulizija militari, u min-	29.6.2020"

	Isem	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-elenkar
			għajr ma ntlaħaq il-kworum. Għalhekk il-membri tal-oppożizzjoni kellhom jorganizzaw ruħhom barra mill-bini tal-Assemblea Nazzjonali biex jeleġġu mill-ġdid lil Juan Guaidó bħala l-President tagħha. Ftit wara l-elezzjoni taparsi ta' Noriega, bl-appoġġ tal-partit politiku tar-reġim (PSUV), l-elezzjoni tal-Bord tad-Diretturi tal-Assemblea Nazzjonali ġiet milqugħa minn Maduro u l-Assemblea Kostitwenti Nazzjonali mhux rikonoxxuta. F'Lulju 2020, Noriega, megħjun mill-Qorti Suprema tal-Ġustizzja tal-Venezwela (*Tribunal Supremo de Justicia* (TSJ)), ħa f'idejh b'mod illeġittimu t-tmexxija tal-partit politiku *Voluntad Popular,* u b'hekk kompla jdgħajjef id-demokrazija fil-Venezwela.	